MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 42/2013

**Giorgia Bonnici imwielda F f'isimha proprju u b'digriet tal-4 ta' Gunju 2013 giet mahtura kuratrici 'ad litem' f'isem binha N F**

**vs**

1. **Reginald Bugeja u**
2. **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi fis-27 ta' Mejju 2012 l-esponenti – li hija mifruda minn zewgha – welldet lil binha N F (b'kunjom xbubit l-esponenti) u fl-Att tat-Twelid tieghu – Dok B – il-missier huwa muri bhala missier mhux maghruf;

Illi fil-fatt it-tarbija imsemmija hija frott relazzjoni extra-konjugali li kellha l-esponenti ma certu Reginald Bugeja, u hi tixtieq li dan ikun dikjarat missier it-tarbija;

Illi ghalkemm ghaddew aktar minn sitt (6) xhur mit-twelid tat-tarbija hi nghatat il-permess relattiv biex tmexxi f'dil-kawza b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2012 (Rik. Gen. 634/12);

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tordna t-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid ta' N F – numru progessiv 2557 tal-2012 – billi fi-kolonna "isem u kunjom" ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-taghrif dwar missier it-tarbija jithassru l-kliem "unknown father" u minflok jiddahhlu il-kliem "Reginald Bugeja" u l-konnotati tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-intimandi mharrka minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha Giorgia Bonnici giet mahtura bhala kuratrici ad

litem tal-minuri N F skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi preliminarjament, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi bla hsara ghall-suespost f’kaz li tintlaqa’ t-talba tar-rikorrenti, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b’mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri N F a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li tintlaqa’ t-talba tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat Reginald Bugeja sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta’ tieghu meta twieled il-minuri N F (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta’ residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kien ghadu haj meta twieled it-tifel N F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit N F bin-numru ta’ registrazzjoni progessiv 2557 ta’ l-2012;
5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li frott tar-relazzjoni twila li hija kellha mal-intimat Reginald Bugeja, nhar is-27 ta’ Mejju 2012 twieled il-minuri N F izda c-certifikat tal-istess minuri jindika li l-missier mhux maghruf[1]. Peress li l-istess intimat irrifjuta li jirrikonoxxi lill-imsemmi minuri bhala ibnu, l-attrici ressqet il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tiddikjara li l-minuri huwa fattwalment wild l-intimat u konsegwentement ic-certifikat rispettiv jibda jirrispekkja tali fatt.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe’ dik relatata man-nuqqas da parti tal-attrici li tintavola rikors appositu sabiex tkun mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri N F skond l-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat l-20 ta’ Frar 2013 kif ukoll ghad-digriet ta’ din l-istess Qorti datat ukoll l-4 ta’ Gunju 2013 fejn tali talba giet milqugha u ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni u r-raba’ eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tal-intimat Reginald Bugeja fejn jaghti s-segwenti dettalji ghal dak li jirrigwarda d-dettalji tieghu:

Karta tal-identita numru: 505272M

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 9 tal-process

Residenti: r-Rabat Malta

Residenza fiz-zmien it-twelid tal-minuri: Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola

Missier l-intimat: P Bugeja (mejjet fiz-zmien meta twieled il-minuri)

Kunjom li ghandu jassumi l-minuri: Bugeja

Ghaldaqstant anke dawn l-eccezzjonijiet gew survolati.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-verbal datat l-4 ta' Gunju 2013 fejn Dr. Renzo Porsella Flores informa lill-Qorti li skont l-attrici l-intimat jixtieq jammetti t-talbiet kif ukoll ghax-xiehda sussegwenti tal-intimat fejn jikkonferma li l-minuri ghandu jiehu kunjomu u cioe' Bugeja, ghalhekk il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-minuri huwa verament il-wild naturali tal-istess intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjoni fic-certifikat tat-Twelid ta' N F bin-numru progressiv 2557/2012 b'dan illi l-kliem 'missier mhux maghruf' ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u minflok jigu sostitwiti bid-dettalji tal-intimat Reginald Bugeja u cioe' Reginald Bugeja bil-karta tal-identita' 505272M, iben P Bugeja li fiz-zmien it-twelid tal-istess minuri kien diga' mejjet.

(2) Tordna li kunjom il-minuri N jigi registrat bhala Bugeja u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa tali korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid rispettiv.

Bl-ispejjez kontra kontra l-attrici u l-intimat Reginald Bugeja b'mod ugwali bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------